# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 515/2016PA**

**Nutar Dr. Joseph H. Saydon**

**vs**

**John Lewis Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-11 ta` Novembru 2016 li permezz tiegħu l-attur talab ir-radd lura tas-somma ta` elf, tlett mija, sebgħa u sebgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€1,377.14ċ) rappreżentanti ħlas żejjed li jgħid li għamel lill-konvenut in segwitu għal-likwidazzjoni u t-tqassim tal-wirt tal-mejjet Matteo Calleja li tiegħu l-konvenut huwa eredi flimkien ma' oħrajn, liema żball inkixef fis-sena 2015. L-attur ippremetta li ħallas lill-konvenut is-somma komplessiva ta` ħdax-il elf, seba' mija u ħames Ewro u sittin ċenteżmu (€11,705.60ċ) meta suppost dan tħallas għaxart elef tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€10,328.46ċ) u allura elf, tlett mija u sebgħa u sebgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€1,377.14ċ) bi żball. Bl-ispejjeż

inkluż tal-ittra uffiċjali numru 17/16 u bl-imgħaxijiet mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali.

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fis-7 ta` Diċembru 2016, li fiha l-konvenut eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-azzjoni mressqa mill-attur hija perenta bit-trapass taż-żmien u dan ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta` Malta.

Ra li fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2017 dan it-Tribunal ordna l-inverżjoni tal-provi.

Sema' x-xiehda tal-partijiet, u ra l-provi dokumentali mressqa minnhom.

Sema' s-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Il-konvenut **John Lewis Calleja**[1] xehed minn jeddu li f'Awissu jew Settembru 2011 kien irċieva mingħand l-attur ċekk bil-ħlas ta` sehmu minn wirt. Minn dakinhar sas-sena 2016, l-attur qatt ma kien reġa' kellmu jew kitiblu fuq dak il-ħlas. Iddikjara wkoll li lill-attur ma għandu jagħtih xejn, u li meta n-Nutar għaddhielu l-ħlas kien qallu li dak kien sehmu mill-wirt.

In kontro-eżami[2], l-attur qal li bejn is-sena 2011 u s-sena 2016 ma tkellem ma' ħadd, għaliex baqa' fuq il-kelma tan-Nutar. Qal li lanqas ma' ħuh Manuel Calleja ma kien tkellem fuq dan iċ-ċekk. Huwa ċaħad li ħuh kien qallu fis-sena 2015 li n-Nutar kien wettaq frodi. Fuq domanda tat-Tribunal, il-konvenut qal li ftit li xejn jitkellem ma' dan ħuh. Qal li lanqas mal-bqija tal-werrieta li jgħixu Malta, jew barra, ma tkellem.

[1] Ara xiehda, 14.03.2017, fol. 11
[2] Fol. 12

Il-konvenut ressaq b'xhud tiegħu lil oħtu **Frances Mifsud**[3]. Hija spjegat li l-konvenut huwa ħuha, u li l-mejjjet Mattew Calleja kien iz-ziju tagħha li miet fid-29 ta` Marzu 2010. Qalet li n-Nutar taz-ziju , li kien l-attur, kien avviċinaha u b'hekk saret taf li z-ziju kien ħalla testment. Qalet ukoll li Mattew Calleja kien innomina lil ħuha Charles Calleja, li jgħix l-Ingilterra bħala l-eżekutur testamentarju tiegħu.

Ix-xhud kompliet tispjega li, għall-ħabta ta` Awissu jew Settembru 2010, l-attur kien ċemplilha u kien b'hekk li saret taf li kienet werrieta ta` ziju ħa. Qalet li dak iż-żmien kienet marret fl-uffiċju tal-attur u ġabret ċekk. In-Nutar taħa *statement of account* f'dokument li eżebiet max-xiehda tagħha. Qalet li Mattew Calleja kien ħalla lil ħutu eredi, pero' kien hemm minnhom li laħqu mietu qablu u għalhekk daħlu uliedhom flokhom.

Skond ix-xhud, għall-ħabta ta` Ġunju 2010, kienet ġiet kuġintha Mary Cassar mill-Awstralja u l-eżekutur kien qalilha biex tgħidilha tmur għand in-Nutar biex tieħu ħsieb iċ-ċekkijiet tagħha u ta` ħutha.

Wara xi żmien, kuġintha tal-Awstralja kienet talbitha tkellem lin-Nutar biex jerġa' joħroġ iċ-ċekk ta` ħuha John Lewis Calleja li jgħix l-Awstralja minħabba li kellu diffikulta` biex isarrfu minħabba fil-mod kif kien miktub ismu. Skond ix-xhud, kien f'din l-okkażjoni li hija fliet ir-rendikont li kien għaddhielha l-attur, u hemm irrealiżżat li t-tqassim tal-flus kien sar ħażin, għaliex kien qassam somma akbar milli kellu jqassam. Qalet li reġgħet talbet rendikont lill-attur ta` x'ħalla ż-ziju, pero' l-attur qallha li kien tahom li kellu jagħtihom. Qalet li talbitu wkoll kopja tat-testment, u bagħatha tiġbru. Qalet li fid-diversi komunikazzjonijiet li kellha, skond hi f'waħda minnhom l-attur kien arroganti magħha, lill-attur qatt ma qaltlu bl-iżball li kienet sabet għaliex riedet tagħmel verifika aħjar mid-dokumenti sħaħ l-ewwel. Skond ix-xhud, kienet qaltlu biss li kien hemm diskrepanza, mingħajr ma tatu dettalji. Ix-xhud qalet li l-attur għamel kawżi kontrieha u kontra ħutha wkoll għall-ħlas żejjed somministrat minnu.

[3] Ara xiedha, 5.4.2017, fol. 14 *et seq*.

In kontroeżami, Frances Cassar iddikjarat li lill-attur qatt ma qaltlu li kien taħa €1,000 żejda, u lanqas qatt offriethomlu lura. Dan tgħid li m'għamlitux minħabba li baqgħet qatt ma rċeviet x'kien ħalla z-ziju , u deħrilha li ħadd ma jagħtik flus ta` xejn. Qalet li fil-każ tagħha, il-ħlas li għaddħielha l-attur jaqbel mal-ammont li kien hemm indikat bħala dovut lilha fuq ir-rendikont li taħa, u għalhekk ċaħdet li fil-każ tagħha hemm diskrepanza ta` elf, tliet mija u sebgħa u sebgħin Ewro.

Ix-xhud preżentat kopja tat-testment[4] ta` Mattew Calleja pubblikat mill-attur fl-14 ta` Awissu 2008 li permezz tiegħu nnomina b'eredi tiegħu fil-kwota ta` 2/17 lil Charles Calleja u lil diversi neputijiet oħra għar-rimanenti 15/17, ugwalment bejniethom. Hija ppreżentat ukoll kopja tal-kont għas-servizzi professjonali[5] prestati mill-attur in konnessjoni ma' dan l-inkarigu, li jammonta għal €6,670.93ċ flimkien ma' rendikont tal-flus[6] imħollija mit-testatur, b'kollox €193,959, u t-tqassim tal-bilanċ lill-eredi, minn fejn jirriżulta li l-attur qassam aktar flejjes milli kien baqagħlu t-testatur wara li tħallsu l-ispejjeż.

L-attur produċa b'xhud tiegħu lil **Anne Marie Darmanin**[7], *business support officer* mal-Bank of Valletta plc. Hija xehdet li xi jumejn qabel 27 ta` Frar 2017[8], il-bank irċieva talba mingħand l-attur dwar *foreign bank draft* bin-numru 149344 għal AUD15,792.57c pagabbli lil John Lewis Calleja li ħareġ fit-28 ta` Settembru 2011. Mill-verifika li saret, irriżulta li dan id-*draft* kien ġie kanċellat fit-22 ta` Ottubru 2012 u dakinhar stess ħareġ *draft* ieħor bin-numru 15422 għall-istess ammont favur John Calleja. Dan it-tieni *draft* issarraf fis-6 ta` Diċembru 2012.

In kontroeżami, Darmanin spjegat li l-ewwel *draft* ħareġ fuq struzzjoni tal-attur, għalkemm ma kinetx taf għalxhiex qatt ma ssarraf u ġie sostitwit.

---

[4] Fol. 24
[5] Fol. 23
[6] Fol. 18
[7] 23.5.2017, fol. 29
[8] Ara ittra, Dok. JSX1, fol. 35

Xehed ukoll minn jeddu l-**attur**[9] li spjega li Frances Mifsud kienet kellmitu minħabba *draft* li kien ħareġ fuq isem John Lewis Calleja, u li ma ssarrafx. Qal li kellmitu diversi drabi fuq hekk, u hu mar il-bank u ta struzzjoni għall-kanċellament tad-*draft*, u s-sostituzzjoni b'ieħor ġdid fuq isem John Calleja. Qal li ħarġu għall-istess ammont għaliex lilu ħadd qatt ma qallu li kien fih ħlas żejjed. L-attur qal li kien biss wara li kellmu Emanuel Calleja li għamel il-verifiki, u skopra li kien ħareġ flus żejda favur il-konvenut u oħrajn. Qal li Calleja kien allega miegħu li kien tah anqas milli kellu, u għalhekk għamel il-verifika. Qal li dan kien irrappurtah fuq allegat frodi. Qal li erbgħa mill-eredi, kif irċevew il-korrispondenza bil-konteġġi, irrifondewlu l-ħlas żejjed. Emanuel Calleja lanqas biss wieġeb, u ottjena titolu eżekuttiv kontra tiegħu.

In kontroeżami, l-attur xehed li kien għadda lil kull eredi dokument bi spjegazzjoni bħal dak li eżibiet Frances Cassar meta xehdet. Qal li l-eredi kienu jafuhom l-ammonti, għaliex kien għadda t-tagħrif lil ħuhom, li kien l-eżekutur testamentarju. Qal li meta reġa' għamel il-kalkoli, sab l-iżball, u dan wara li Frances Cassar kellmitu fuq l-isem li kien jidher fuq id-*draft* ta` ħuħa.

L-attur produċa kopji ta` dikjarazzjoni ġuramentata, u xiehda in kontroeżami, li x-xhud Frances Mifsud tat quddiem dan it-Tribunal, diversament presjedut, fil-kawża **Nutar Dr Joseph H Saydon vs Giorgina Calleja Farrugia** (Talba Numru 524/2016PM)[10], u fil-kawża li l-attur għamel kontra tagħha (Talba Numru 513/2016CZ). Fl-affidavit tagħha, Frances Mifsud tgħid li *'Jien rajt kif għamilt biex nikkonferma l-ammont li kont qed nirċievi mingħand in-Nutar peress li kull ma kellna kien ammont miktub fuq dan l-iStatement of Account peress li kont indunajt li kien hemm żball matematiku f'dan l-istatement of account .'*[11] Aktar 'il quddiem tgħid li *'Jiena naf żgur li jiena kont ċempilt lin-Nutar mat-tlieta jew erbgħa darbiet, kull darba biex infakkru biex jibgħat iċ-cheque lil kuġin tal-Awstralja. Ngħid ukoll illi* ***kull darba li kont inċempillu kont navżah illi kien hemm xi diskrepanza fil-flus li qassam peress illi l-ammont li kien ġie mqassam lilna kien iktar minn dak li kien hemm li suppost li kellu jitqassam skond***

[9] 23.5.2017, fol. 31 *et seq.*
[10] Fol. 36 sa 44
[11] Fol. 36

***dan l-istatement of account** ’*[12]. Fix-xiehda tagħha mogħtija fl-20 ta` Frar 2017, Frances Mifsud iddikjarat li *‘Jiena ntervjenejt biex insolvi l-problema tal-kuġin sabiex inkun nista` niġbor iċ-ċekk kif korrett. Kien f’din l-okkażjoni li jiena ġbidt l-attenzjoni tan-Nutar li fil-fehma tiegħi kien hemm xi diskrepanzi bejn l-ishma kif semmejt. Dan kien għal ħabta tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ċioe s-sena ta` wara li jiena kont ġbarat il-pagament ... Ngħid li f’dan l-istess żmien jiena kont ġbidt l-attenzjoni ta` dan l-iżball li jiena nnutajt anke lill-ħuti pero’ dawn kellhom jieħu ħsieb huma stess sabiex jaraw l-affarijiet tagħhom’*[13]. Qalet ukoll li *‘dan l-iżball kien effettivament fuq is-sehem ta` kulħadd’*[14]. Meta xehdet fil-kawża kontra tagħha fit-3 ta` April 2017, Frances Mifsud pero’ qalet li *‘Jiena kont ikkuntentajt b’dak li ħadt u jiena nħoss li ma għandi nagħti xejn lil ħadd ... Jiena ma nistax ngħid id-diskrepanza kinitx favur jew kontra għax ma nafx x’kellu* z-ziju *’*[15].

L-attur ippreżenta wkoll kopja legali ta` ittra uffiċjali eżekuttiva li għamel fis-6 ta` Jannar 2016 kontra l-konvenut għar-rifużjoni tal-ħlas żejjed. Dan pero’ oġġezzjona għall-kreditu pretiż b’nota tal-21 ta` Jannar 2016.

L-attur reġa’ xehed bil-mezz ta` affidavit[16] li fih irrepeta li, wara li wieħed mill-werrieta kien akkużah bi frodi u rrappurtah lill-Kunsill Notarili, huwa kien qala’ l-fajl u dar il-kalkoli. Dan kien fl-2015. B’hekk ġiet li nduna li kien qassam aktar flus milli żbanka mill-assi ereditarju tal-mejjet. Qal ukoll li uħud mill-werrrieta, u ċioe erba’ minnhom, irrifondew il-ħlas żejjed, jew irrikonoxxew li għandhom iħallsu ammont ekwivalenti lill-attur. L-attur preżenta prova permezz tal-inkartament bankarju tar-rifużjonijiet li kien laħaq irċieva mingħand Margaret Langson, Francis John Langson, u Francis Eizens, u t-titolu eżekuttiv li ottjena kontra Emanuel Calleja.

L-attur ressaq ukoll b’xhieda tiegħu lil (i) **Dr. Annalisa Debono**, rappreżentant ta` MSV Life, li xehdet li Matteo Calleja kellu polza tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja u l-

---
[12] Fol. 37
[13] Fol. 40
[14] *Ibid*.
[15] Fol. 43

assi ereditarju tiegħu rċieva benefiċċju fl-ammont ta` €179,541.89ċ b'ċekk datat 16 ta` Awissu 2011[17]; u (ii) **Joanna Bartolo**, *senior manager litigation* mal-Bank of Valletta plc, li xehdet li Matteo Calleja kellu kont b'depożitu ta` €14,420.86ċ li ngħalaq fid-9 ta` Awissu 2011.[18] Dwar id-differenza minima bejn €193,961.86ċ, u l-ammont ta` €193,959 li ddikjara lill-eredi li ħalla Matteo Calleja fir-rendikont li tahom[19], l-attur[20] qal li din probabbilment kienet tirrappreżenta miżata bankarja għall-ħruġ ta` *bank draft*.

Ikkunsidra wkoll li:

Din il-kawża tirrigwardja talba tal-attur għar-rifużjoni ta` ħlas żejjed li għamel lill-konvenut fil-kors tal-eżekuzzjoni ta` inkarigu mogħti lilu fil-kapaċita` tiegħu ta` Nutar Pubbliku mill-werrieta ta` Matteo Calleja. Fi ftit kliem, l-attur jgħid li għamel żball u qassam aktar flus milli żbanka mill-eredita` ta` Matteo Calleja, u li dan l-iżball skoprieh inċidentalment meta wieħed mill-werrieta għamel allegazzjonijiet li l-attur kien wettaq frodi għad-detriment tiegħu, u ressaq ilment fir-rigward lill-Kunsill Notarili. Prova ta` dan l-ilment tressqet b'kopja tal-komunikazzjoni li l-attur wera li rċieva mingħand Emanuel Calleja[21] fit-23 ta` Lulju 2015. Din il-kawża ġiet preżentata fil-11 ta` Novembru 2016.

Il-konvenut John Lewis Calleja jilqa' għal din l-azzjoni bid-difiża tal-preskrizzjoni biennali għall-azzjoni li biha jintalab lura l-ħlas ta` indebitu. Essenzjalment, it-teżi tal-konvenut hija li l-iżball inkixef fl-2011 meta sabitu Frances Mifsud, u għalhekk iż-żmien li fih l-attur seta` mexxa b'din l-azzjoni kontra tiegħu laħaq għadda. Il-konvenut iddikjara li huwa aċċetta l-ħlas li tah l-attur, mingħajr kontestazzjoni, u li għalhekk m'għandu jħallsu xejn.

---

[16] Fol. 49-50
[17] Ara xiehda, 13.6.2017, fol. 75-76
[18] Ara xiehda, 13.6.2017, fol. 77-78
[19] Fol. 18
[20] Ara xiehda, 13.6.2017, fol. 79
[21] Dok. JS2, fol. 53

Wara li qies il-provi kollha li tressqu f'din il-kawża, it-Tribunal mhux moralment konvint, fuq bażi ta` bilanċ ta` probabiltajiet, li bejn il-partijiet f'din il-kawża l-iżball kien inkixef fl-2011. Għall-prova tal-kxif tal-iżball, il-konvenut straħ fuq ix-xiehda ta` Frances Mifsud, li jidher li kienet l-ewwel waħda mill-benefiċċjarji li ndunat li kien hemm diskrepanza bejn it-total tal-ħlasijiet li għamel l-attur, u l-ammont nett li l-attur iddikjara li kellu jitqassam wara li naqqas l-ispejjeż.

Rinfaċċjat bid-dikjarazzjonijiet kontra xulxin li din ix-xhud Frances Mifsud għamlet quddiemu, u quddiem dan it-Tribunal diversament presjedut f'kawżi oħra b'mertu simili kontra l-benefiċċjarji l-oħra, it-Tribunal kif kompost jidhirlu li għandu jagħti aktar piż lix-xiehda ta` Frances Mifsud li sema' huwa stess, meta allura kellu l-opportunita` mhux biss li jisma' lix-xhud, imma anke li josserva u jagħmel l-evalwazzjonijiet tiegħu dwar il-komportament tagħha. Fix-xiehda tagħha quddiem it-Tribunal, kif presjedut, Frances Mifsud qalet ċar li lill-attur kienet qaltlu li sabet diskrepanzi fir-rendikont li kien taħa, pero' ma qaltlux li dawn id-diskrepanzi kienu jfissru li kien għaddha lilha, u lill-benefiċċjarji l-oħra, somom ikbar milli kien messhom mill-wirt ta` Matteo Calleja. Għat-Tribunal kif presjedut, kien evidenti mix-xiehda ta` Frances Mifsud li din ma kinetx sodisfatta bl-eżekuzzjoni tal-inkarigu professjonali mill-attur għaliex pretendiet li l-mejjet kellu flus aktar, u donnha ssuspettat li l-attur ma kienx iddikjara s-sewwa fl-ammont indikat minnu bħala li kien żbanka mill-assi ereditarju ta` Matteo Calleja. Fl-istess ħin pero', jidher ċar li din kienet taf li l-attur kien ta lilha u lill-benefiċċjarji l-oħra ħlas żejjed meta komputat fuq l-ammont li l-attur irreġistra li żbanka mill-eredita` ta` Matteo Calleja.

Kuntarjament għall-allegazzjonijiet ta` din ix-xhud, u ta` Emanuel Calleja li ressaq l-ilment kontra l-attur, mill-provi prodotti f'din il-kawża, irriżulta li s-somma li l-attur iddikjara li żbanka tikkombaċja mal-flus li l-attur effettivament żbanka mill-wirt ta` Matteo Calleja, u l-konvenut ma allegax li kien hemm assi oħra.

Stabbilit għalhekk li oġġettivament l-attur għamel ħlas indebitu lill-konvenut, minkejja li dan irrifjuta li jirrikonoxxih, u li l-konvenut dan seta` għarfu, kif għamlet

Frances Mifsud, mid-dokument rilaxxjat lilu mill-attur, jifdal il-kwistjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas tal-indebitu, stabbilita bl-**Art. 1027** tal-**Kodiċi Ċivili**, u partikolarment id-determinazzjoni tal-mument minn meta beda jgħaddi dan iż-żmien.

L-**Art. 1027(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk:

**1022.** (1) Kull min, billi jaħseb bi żball li hu debitur, iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur.

Fil-kawża **Carmel Brand Company Limited vs Worldwide Import and Export Company Limited**[22], il-konvenut li eċċepixxa din il-preskrizzjoni argumenta li dan iż-żmien ta` sentejn jibda jgħaddi minn meta jkun sar il-ħlas tal-indebitu, għaliex min ħallas indebitament seta` sab l-iżball tiegħu minn dakinhar stess. Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) pero', wara li rreferiet għall-ġurisprudenza, kkonkludiet li dan iż-żmien jibda jgħaddi minn meta ħaddieħor jiskopri l-iżball u għarraf bih lil min ikun għamel il-ħlas żejjed, u mhux minn meta min ikun ħallas l-indebitu seta` sab l-iżball tiegħu nnifsu. F'dan il-każ, kif ġa ingħad, it-Tribunal iqis li l-konvenut naqas li jipprova, fuq bażi ta` bilanċ ta` probabiltajiet, li l-attur kien mgħarraf minn qabel sentejn qabel proċeda b'din il-kawża bil-ħlas żejjed li kien ta lill-konvenut, u li l-istess attur qed jirreklama b'din l-azzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta` elf, tlett mija u sebgħa u sebgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€1,377.14ċ), bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

L-ispejjeż ta` din il-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**
**Ġudikatur**

[22] Appell (Inferjuri), 22.05.2009